# L-iskola Primarja fil-Mosta

JJ. Camilleri

M'hemmx l-iċken dubju illi l-Mosta tat ferm kontribut siewi favur l-edukazzjoni popolari. L-interess u l-ħeġġa matul is-snin favur il-qasam soċjali ma naqsux. Ilum aktar minn qatt qabel, l-iskejjel jitqiesu l-aktar istituzzjonijiet importanti. Il-Mostin għandhom ferm għal qalbhom l-edukazzjoni u t-tagħlim t'uliedhom, jistennew l-aqwa u l-aħjar. Il-Mosta tul is-snin kienet mill-ewlenin illi pproduċiet għalliema, kapijiet ta' skejjel (fl-Imġarr, San Pawl il-Baħar, Naxxar, Birkirkara, Mellieħa u nħawi oħra) u edukaturi.

Ħaqqhom l-aktar kontribut speċjali il-kapijiet li mexxew l-iskejjel matul iż-żmien. Jitqiesu s-sisien ta' kull m'għandna llum. Fost il-ħafna nfakkar xi wħud, niftakruhom u jistħoqqilhom li nkunu grati lejhom.

Is-Sinjora Carmena Sammut damet il-Kap tal-Iskola Primarja tal-bniet għal 29 sena sħaħ. Marija Anna Buhagiar wara 7 snin sinjora tal-Iskola tal-Mosta laħqet *inspectress*. Tat ferm kontribut Carmena Muscat fit-18-il sena li damet sinjora fl-iskola tal-bniet. Is-Surmastrijiet Gio Marija Camilleri Borg leħaq *inspector* wara 29 sena kap tal-iskola tas-subien. Kien minn tal-ewwel li kellu taħriġ barra minn Malta. Pacifico Sammut dam 16-il sena surmast, Nazzareno Abela wara 10 snin surmast tal-iskola tas-subien leħaq spettur. Is-Sur Salvu Gatt, għalliem Mosti, surmast, inspector, assistant direttur u direttur tal-edukazzjoni, żgur li għamel l-aqwa ġieh lill-Mosta. X'għandna fil-lokal li jfakkarna fih? Sewwa wieħed mela jikkummenta għaliex imbagħad għas-Surmast Emanuel B. Vella hemm imsemmija triq u skola għalih u onorat b'bust. Jistħoqqlu tassew, kif jistħoqqilhom oħra, li xejn m'għandna li jfakkarna fihom! Għaliex?

Il-mixja għall-introduzzjoni tal-edukazzjoni obbligatorja mmaterjalizzat fl-ordinanzi tal-1924 u l-1946. Dr. George Cassar għamel ħafna riċerka dwar is-suġġett u kif l-introduzzjoni affettwat il-lokal. Għamel riċerka fuq dokumenti li hemm fl-arkivji ta' Santu Spirtu fir-Rabat u fil-*log books* taż-żewġ skejjel tal-lokal (tal-iskola A bejn is-snin 1900-1973 u tal-iskola B bejn l-1900-1963).



Fis-sena 1898 infetħu l-iskejjel primarji fi Triq Grognet. Mill-1837 it-tfal Mostin kellhom imorru Ħal Lija jekk riedu jitgħallmu. Ftit snin wara bdew jinkrew djar privati, dik ta' Pawlu Tonna, biex nagħtu eżempju, kienet mikrija £5 fis-sena. L-attendenza tat-tfal dik il-ħabta kienet fqira.

L-iskola l-ġdida t'Awwissu 1898 kienet waħda minn tal-ewwel fil-gżejjer Maltin proprjetà tal-Gvern. Inbniet fuq art ta' Dr. Salvu Camilleri. Dik il-ħabta t-






tfal eliġibbli għall-iskola kienu 480 subien u 395 bniet li minn dawn kkienu jattendu 176 tfel u 150 tifla, għad li kien hemm ftit oħra jistennew. Meta t-tfal kulma jmur bdew jiżdiedu, inkrew djar oħra. Fl-1925 it-tfal tas-sitt klassi kellhom imorru n-Naxxar. Inħasset il-ħtieġa li mil-iskola titkabbar tant li fl-1926 inbena t-tieni sular, filwaqt sar tkabbir fl-1956/7 ukoll. Bejn is-snin 1905-1914 kien hemm fil-Mosta 'Standard VII'.

Interessanti d-dettalji konnessi ma' dawn l-iskejjel. Jissemmew kemm l-Arċipriet Dun Gwann Sarreo li kien jgħin lis-Surmast tal-Iskola jagħmel l-eżamijiet għall-ħabta tal-1906.

Ċerti dettalji huma interessanti. Eżempju ta' dan hu li f'dawn l-iskejjel bidet tinfiltra l-politika. Fl-1901 sar attentat mill-awtoritajiet Ingliżi. Dan ħoloq konfront. Dawk iż-żminijiet kien jeżisti f'pajjiżna moviment li jiffavorixxi t-tagħlim tat-Taljan u għalhekk beda jħares b'suspett lejn l-introduzzjoni tal-Ingliż. Dawn l-anti-riformisti (kif kienu jissejħu) qiesu li l-Ingliż kien qiegħed jiġi introdott bħala mossa biex is-subien jinġabru suldati meta jitfarfru fl-armata Ingliża. Dik il-ħabta kienet il-gwerra fl-Afrika t'Isfel. Kienu jgħidu wkoll li biex lill-bniet iħajruhom jemigraw, jew jidħlu sefturi jew ħassiela fl-armata.

Kien hemm membri tal-Kleru, dawn jissemmew flimkien ma' kjeriċi tal-lokal, li ħeġġew lill-ġenituri biex bħala protesta ma jibagħtux 'l uliedhom l-iskola, kif ħafna fil-fatt għamlu. L-Arċipriet Sarreo mewwet il-biċċa billi qal lill-ġenturi li dak kien kollu xniegħat li saru b'malizzja. Bl-intervent tiegħu ġie evitat strajk tal-għalliema.

Kienu żminijiet ta' ħafna vaganzi li kienu jingħataw sikwit minħabba epidemiji, f'okkażjonijiet imperjali (visti ta' gvernaturi, nies importanti bħal xi Isqof, imwiet, żwiġijiet Imperjali). Kien żmien l-iskola ta' bil-lejl bejn is-sebgħa u d-disgħa u dik nhar ta' Ħadd bejn id-disgħa u l-ħdax. Popolari l-użu tar-riga bħala dixxiplina, is-Surmast u s-Sinjora kellhom ħafna awtorità. L-għalliema kellhom paga baxxa u t-talbiet biex ikollhom it-tieni mpjieg kienu ħafna. Il-mard kien komuni, bħat-trakoma. Beda jingħata l-ħalib lil xi ftit tfal. Interessanti l-fatt li l-iskejjel sal-1932 ma kellhomx dawl elettriku. L-użu tal-kotba matul is-snin, suġġetti li llum m'għadhomx popolari bħal parsing, dettatura, somom mentali, kif kienu jsiru. Hemm wisq aktar x'jingħad! Tissemma fost ħafna Miss Wooten li kienet twerwer meta tmur tagħmel xi *inspection* fil-klassi. Ftit kienu jmorru skejjel sekondarji, l-eżami biex isir kien tqil u ftit kien ikun hemm postijiet.

Ta' min isegwi l-istudju ta' Dr. George Cassar, ktieb imniedi mill-Kunsill Lokali li fih hafna aktar dettalji.